VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,986, 9 ta' Novembru, 2012
Taqsima B

A.L. 386 tal-2012

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

ATT DWAR AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

Regolamenti tal-2012 dwar Skema Kummerċjali għall-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 61 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp u bl-artikolu 28 tal-Att dwar Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Ministru għat-Turiżmu, l-Ambjent u l-Kultura u l-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi u l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2012 dwar Skema Kummerċjali għall-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra.

(2) Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu l-implimentazzjoni f'Malta tal-iskema tal-Unjoni Ewropea kummerċjali ta' permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra għal attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fi Skeda 1. Dawn ir-regolamenti jittrasponu d-Direttiva 2008/101/KE li temenda d-Direttiva 2003/87/KE, u d-Direttiva 2009/29/KE li temenda d-Direttiva 2003/87/KE kemm-il darba din ikollha x'taqsam ma' operaturi tal-inġenji tal-ajru.

Tifsir.

2. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti u kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandhom japplikaw dawn it-tifsiriet li ġejjin:

"ajrudrom" tfisser area delineata fuq l-art jew l-ilma, inkluż bini, stallazzjonijiet u tagħmir, maħsub biex jintuża sew kollu kemm hu sew f'parti minnu għall-wasla, tluq u moviment fuq wiċċ l-art ta' inġenji tal-ajru;

"amministratur tar-reġistru nazzjonali" tfisser l-entità, appuntata kif hemm fid-deċiżjonijiet rilevanti u fir-regolamenti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE, li tkun responsabbli għat-tmexxija, għan-nom tal-Gvern, ta' operatur ta' inġenji tal-ajru li jkun detentur ta' kontijiet taħt il-ġurisdizzjoni tal-Gvern fir-reġistru tal-Unjoni;

"attività ta' proġett Implimentata Konġuntement" jew "Attività ta' proġett IK" tfisser attività ta' proġett li ssir kif hemm fl-Artikolu 12 tal-Protokoll ta' Kyoto u deċiżjonijiet adottati konformement mal-UNFCCC jew mal-Protokoll ta' Kyoto;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi mwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Att dwar Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi; Kap. 423.

"Bord Nazzjonali dwar l-Akkreditament (Malta)" tfisser il-Bord Nazzjonali dwar l-Akkreditament (Malta) mwaqqaf bir-Regolamenti tal-2007 dwar it-Twaqqif tal-Bord Nazzjonali dwar l-Akkreditament (Malta); L.S. 419.07.

"ċessjoni" tfisser ir-rendikont li jingħata dwar permess minn operatur ta' inġenji tal-ajru għar-rigward ta' emissjonijiet verifikati;

"detentur ta' kont" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li jkollha kont fir-reġistru tal-Unjoni;

"devjazzjoni" tfisser, dwar il-monitoraġġ ta' data dwar tunnellata-kilometru u emissjonijiet annwali, l-użu ta' approċ ta' monitoraġġ li jkun differenti, kollu kemm hu jew f'parti minnu, mill-pjan ta' monitoraġġ u rappurtar approvat, meta dak l-użu jkun wieħed ta' xorta temporanja;

"Direttiva 2003/87/KE" tfisser Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għal permess għall-emissjoni ta' gassijiet serra kummerċjali ġol-Komunità u li temenda D-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE; ĠU:L:2003:275/32.

"Direttiva 2008/101/KE" tfisser Direttiva 2008/1010/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 Novembru 2008 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex tinkludi attivitajiet

VERŻJONI ELETTRONIKA

tal-avjazzjoni fl-iskema għal permess għall-emissjoni ta' gassijiet serra kummerċjali ġol-Komunità; ĠU:L:2009:8/3.

"Direttiva 2009/29/KE" tfisser Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex ittejjeb u testendi l-iskema ta' permess għall-emissjoni ta' gassijiet serra kummerċjali tal-Komunità; ĠU:L:2009:140/63.

"emissjonijiet tal-avjazzjoni" jew "emissjonijiet" tfisser ir-rilaxx ta' gassijiet serra fl-atmosfera minn inġenji tal-ajru li jkunu qegħdin iwettqu xi attività tal-avjazzjoni elenkata fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn r-regolamenti, kif speċifikat dwar dik l-attività;

"gassijiet serra" tfisser il-gassijiet elenkati fi Skeda 2 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

"informazzjoni kunfidenzjali" tfisser kull informazzjoni mhux pubblika li titqies mill-operatur bħala li tkun sensittiva u, jew kull informazzjoni privileġġata li tinkwadra fl-iskop tar-regolament 16 ta' dawn ir-regolamenti, u li tiġi biss żvelata biex jinġiebu 'l quddiem u jiġu elaborati ċertu finijiet. Fost l-oħrajn tinkludi:

(a) sigrieti kummerċjali;

(b) kull informazzjoni oħra li jkollha valur kummerċjali li tkun, jew tista' raġonevolment tkun mistennija li tinqered jew titnaqqas li kellha dik l-informazzjoni tiġi żvelata; jew

(ċ) informazzjoni li ma tkunx sigrieti kummerċjali jew informazzjoni taħt il-paragrafu (b) dwar xi persuna, organizzazzjoni jew intrapriża f'dak li għandu x'jaqsam ma' affarijiet kummerċjali, professjonali, kummerċjali jew finanzjarji tagħhom;

"irkantatur" tfisser l-Uffiċċju għall-Amministrazzjoni tad-Djun fi ħdan id-Dipartiment tat-Teżor appuntat mill-Gvern biex jirkanta permessi għan-nom tiegħu ;

"kanċellament" tfisser meta jsir definittivament minn permess mid-detentur tiegħu jew mill-amministratur tar-reġistru nazzjonali hekk kif jista' jkun japplika;

"il-Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni Ewropea;

"liċenza biex topera" tfisser awtorizazzjoni mogħtija minn awtorità li toħroġ il-liċenzi kompetenti u rilevanti lil intrapriża, li tippermettiha tipprovdi servizzi tal-ajru kif ikun imsemmi fil-liċenza biex topera;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-politika ta' bdil fil-klima, sakemm ma jissemmiex xort'oħra;

"modifika" tfisser, dwar il-monitoraġġ ta' data dwar tunnellata-kilometru u emissjonijiet annwali, bidla permanenti fi pjan ta' monitoraġġ approvat, kollu kemm hu jew f'parti minnu, u, meta din titqies li tkun ta' xorta sinifikanti, għandha tkun teħtieġ l-approvazzjoni tal-Awtorità qabel ma din issir valida;

"operatur ta' inġenji tal-ajru" tfisser il-persuna li topera inġenji tal-ajru meta tkun qegħda twettaq xi attività tal-avjazzjoni elenkata fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti jew, meta dik il-persuna ma tkunx magħrufa jew ma tkunx identifikata mis-sid tal-inġenji tal-ajru, is-sid tal-inġenji tal-ajru;

"operatur tat-trasport tal-ajru kummerċjali" tfisser operatur li, bi ħlas, jipprovdi servizzi ta' trasport bl-ajru skedat jew mhux skedat lill-pubbliku għall-ġarr ta' passiġġieri, merkanzija jew posta;

"Pajjiżi l-Inqas Żviluppati" tfisser dawk il-pajjiżi inklużi fil-lista ta' Pajjiżi l-Inqas Żviluppati kif definita mill-Kumitat għal Politika dwar l-Iżvilupp u approvata mill-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti;

"permess" tfisser permess għall-emissjoni ta' dijossidu karboniku ekwivalenti għal tunnellata waħda matul perjodu speċifikat, li jkun validu biss għall-finijiet li jintlaħqu l-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti u li jkun jista' jiġi trasferit kif hemm fid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;

"permess taħt il-Kapitolu II" tfisser permess allokat u maħruġ dwar l-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fl-Anness I mad-Direttiva 2003/87/KE, kif hemm fil-Kapitolu II tad-Direttiva 2003/87/KE;

"permess taħt il-Kapitolu III" tfisser permess allokat u maħruġ dwar l-attivitajiet elenkati fl-Anness I mad-Direttiva 2003/87/KE minbarra attivitajiet tal-avjazzjoni, kif hemm fil-Kapitolu III tad-Direttiva 2003/87/KE;

"persuna" tfisser persuna fiżika jew ġuridika;

"Protokoll ta' Kyoto" tfisser l-Protokoll ta' Kyoto mal-UNFCCC;

"il-pubbliku" tfisser persuna waħda jew aktar persuni u assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew gruppi ta' persuni;

"rappreżentanti awtorizzati" tfisser ir-rappreżentanti, nominati minn detentur ta' kont dwar xi kont fir-reġistru tal-Unjoni, li jkollhom aċċess għal dak il-kont u li jeżegwixxu proċessi li jkollhom x'jaqsmu ma' dak il-kont għan-nom tad-detentur ta' kont;

"Regolament (KE) Nru. 765/2008" tfisser Regolament (KE) Nru. 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistipula l-ħtiġiet għal akkreditament u sorveljanza tas-suq li jkollhom x'jaqsmu mat-tqegħid fis-suq ta' prodotti u li jħassru Regolament (KEE) Nru. 339/93; ĠU:L:2008:218/30.

"Regolament (KE) Nru. 1008/2008" tfisser Regolament (KE) Nru. 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 fuq regoli komuni għat-tħaddim ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (Riformulazzjoni); ĠU:L:2008:293/3.

"Regolament (KE) Nru. 748/2009" tfisser Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 748/2009 tal-5 ta' Awissu 2009 fuq il-lista ta' operaturi ta' inġenji tal-ajru li kienu jwettqu xi attività tal-avjazzjoni elenkati fl-Anness I mad-Direttiva 2003/87/KE fl-1 ta' Jannar 2006 jew wara dik id-data, fejn jiġi speċifikat l-iStat Membru amministrattiv għal kull operatur ta' inġenji tal-ajru; ĠU:L:2009:219/1.

"reġistru tal-Unjoni" tfisser ir-reġistru stabbilit u miżmum kif hemm fl-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/87/KE għall-eżekuzzjoni ta' proċessi li jkollhom x'jaqsmu mal-manutenzjoni ta' kontijiet li jinżammu u l-allokazzjoni, ċessjoni u kanċellament ta' permessi;

"sena ta' bażi" tfisser, għall-finijiet tal-paragrafu (b) tar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti, dwar xi operatur ta' inġenji tal-ajru li beda jopera fl-Unjoni wara l-1 ta' Jannar 2006, l-ewwel sena kalendarja ta' ħidma, u fil-każijiet l-oħra kollha, is-sena kalendarja li tibda mill-1 ta' Jannar 2006;

"servizz tal-ajru" tfisser titjira jew serje ta' titjiriet li jġorru passiġġieri, tagħbija u, jew, posta bi ħlas u, jew, kiri kif imfisser fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru. 1008/2008; ĠU:L:2008:293/3.

"Stat Membru" tfisser stat li jkun membru tal-Unjoni Ewropea u jinkludi wkoll l-Iżlanda, Liechtenstein u n-Norveġja;

"titjira " tfisser settur wieħed ta' titjira sector li jkun titjira jew waħda minn serje ta' titjiriet li jinbdew minn post ta' parkeġġ tal-inġenji tal-ajru u jintemmu f'post ta'parkeġġ tal-inġenji tal-ajru;

"tnaqqis ta' unitajiet iċċertifikati" jew "CER" tfisser unità li tinħareġ konformement mal-Artikolu 12 tal-Protokoll ta' Kyoto u d-deċiżjonijiet adottati konformement mal-UNFCCC jew il-Protokoll ta' Kyoto;

"UNFCCC" tfisser il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Bdil fil-Klima, li bdiet isseħħ fil-21 ta' Marzu, 1994;

"unità ta' tnaqqis ta' emissjonijiet" jew "ERU" tfisser unità maħruġa konformement mal-Artikolu 6 tal-Protokoll ta' Kyoto u d-deċiżjonijiet adottati konformement mal-UNFCCC jew mal-Protokoll ta' Kyoto;

"unitajiet ta' kontijiet oħra" tfisser unitajiet li ma jkunux permessi, u inklużi unitajiet CER u ERU, li jistgħu jintużaw minn operaturi ta' inġenji tal-ajru bil-għan li jħarsu l-obbligi taħt dawn ir-regolamenti kif hemm f'dawn ir-regolamenti u f'deċiżjonijiet rilevanti u fir-regolamenti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE;

"Unjoni" u "Unjoni Ewropea" għandhom l-istess tifsira li għandha "l-Unjoni Ewropea" fl-Att dwar l-Unjoni Ewropea; Kap. 460.

VERŻJONI ELETTRONIKA

"verifikatur" tfisser persuna ġuridika jew xi entità oħra ġuridika li tkun qegħda twettaq attivitajiet ta' verifika konformement ma' dawn ir-regolamenti u akkreditata minn korp ta' akkreditament nazzjonali konformement mar-Regolament (KE) Nru. 765/2008 u deċiżjonijiet rilevanti u regolamenti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE, jew persuna fiżika li tkun xort'oħra awtorizzata, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) 765/2008, meta jinħareġ rapport ta' verifika.

Applikabbiltà

3. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal operaturi ta' inġenji tal-ajru li jkunu qegħdin iwettqu attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fi Skeda 1, u li jkunu jirriżultaw f'emissjonijiet ta' gassijiet serra msemmija fir-rigward ta' dawk l-attivitajiet, u:

(a) li jkollhom liċenza valida biex joperaw mogħtija minn Malta skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru. 1008/2008; jew

(b) li għalihom Malta, bħala Stat Membru bl-akbar għadd ta' emissjonijiet tal-avjazzjoni minn attivitajiet tal-avjazzjoni kalkolati u attribwiti kif elenkat fi Skeda 1 li jkunu saru fis-sena ta' bażi minn dawk l-operaturi tal-inġenji tal-ajru, tkun ġiet appuntata bħala l-iStat Membru li jkun jamministra jew, skont ir-Regolament (KE) Nru. 748/2009, jew permezz ta' kull miżura li tkun ittieħdet mill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE jew mill-Awtorità skont dawn ir-regolamenti.

Allokazzjoni ta' permessi bla ħlas lil operaturi ta' inġenji tal-ajru.

4. (1) Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar, 2012 sal-31 ta' Diċembru, 2012, għall-perjodu ta' tmien snin li jibda mill-1 ta' Jannar, 2013, u għal kull perjodu sussegwenti wara dan, operatur tal-inġenji tal-ajru jista' japplika għal allokazzjoni ta' permessi taħt il-Kapitolu II li għandhom jiġu allokati mingħajr ebda ħlas.

(2) Applikazzjoni li ssir minn operatur tal-inġenji tal-ajru skont is-subregolament (1) tista' ssir billi tiġi preżentata lill-Awtorità data verifikati dwar kull kilometru-tunnellata għal attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fi Skeda 1 li jkunu saru minn dak l-operatur tal-inġenji tal-ajru għas-sena ta' monitoraġġ. Għall-finijiet ta' dan ir-regolament:

(a) is-sena ta' monitoraġġ għall-perjodu mill-1 ta' Jannar, 2012 sal-31 ta' Diċembru, 2012 għandha tkun l-2010;

(b) is-sena ta' monitoraġġ għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar, 2013 għandha tkun l-2010; u

(c) s-sena ta' monitoraġġ għal perjodi sussegwenti għandha tkun is-sena kalendarja li tintemm 24 xahar qabel ma jibda l-perjodu li għalih tkun tirreferi l-applikazzjoni.

(3) Applikazzjoni li tkun saret skont is-subregolament (1) għandha tiġi preżentata lill-Awtorità:

(a) għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar, 2012 sal-31 ta' Diċembru, 2012, sal-31 ta' Marzu, 2011;

(b) għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar, 2013, sal-31 ta' Marzu, 2011;

(c) għal perjodi sussegwenti, sa mill-inqas 21 xahar qabel ma jibda l-perjodu li għalih tkun tirreferi l-applikazzjoni.

(4) L-Awtorità għandha tippreżenta lill-Kummissjoni kull applikazzjoni li tirċievi skont is-subregolament (1), jekk tkun sodisfatta li l-applikazzjoni tkun saret skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament u li l-operatur tal-inġenji tal-ajru li jkun ippreżenta l-applikazzjoni jkun ħares ir-regolamenti 6 u 7.

(5) L-Awtorità għandha tippreżenta lill-Kummissjoni kull applikazzjoni skont is-subregolament (4):

(a) dwar il-perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru, 2012, sat-30 ta' Ġunju, 2011;

(b) dwar il-perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar, 2013, sat-30 ta' Ġunju, 2011;

(c) dwar perjodi sussegwenti, sa mill-inqas 18-il xahar qabel ma jibda l-perjodu li għalih tkun tirreferi l-applikazzjoni.

(6) Skont deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi l-linja ta' riferiment għal perjodu li għandu jintuża għall-allokazzjoni ta' permessi taħt il-Kapitolu II mingħajr ebda ħlas lil operaturi tal-inġenji tal-ajru għall-perjodu li għalih tkun tirreferi dik id-deċiżjoni, l-Awtorità għandha, fi żmien tliet xhur minn dik id-deċiżjoni, tikkalkula u tippubblika:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) l-allokazzjoni totali ta' permessi tal-Kapitolu II għal dak il-perjodu, lil kull operatur tal-inġenji tal-ajru li jkollu l-applikazzjoni tiegħu preżentata lill-Kummissjoni, skont is-subregolament (4), kalkulata billi tiġi multiplikata d-data għal kull kilometru-tunnellata inkluża fl-applikazzjoni bil-linja ta' riferiment stabbilita fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni; u

(b) l-allokazzjoni ta' permessi tal-Kapitolu II lil kull operatur tal-inġenji tal-ajru għal kull sena, li tiġi stabbilita billi tiġi diviża l-allokazzjoni totali tiegħu ta' permessi għall-perjodu kalkulat skont il-paragrafu (a) bl-għadd ta' snin fil-perjodu li għalih dak l-operatur tal-inġenji tal-ajru jkun qiegħed iwettaq xi attività tal-avjazzjoni elenkata fi Skeda 1.

Allokazzjoni ta' permessi bla ħlas minn riżerva speċjali lil operaturi ta' inġenji tal-ajru.

5. (1) Għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar, 2013 jew minn żmien sussegwenti, operatur tal-inġenji tal-ajru jista' japplika għal allokazzjoni ta' permessi bla ħlas taħt il-Kapitolu II mir-riżerva speċjali li tkun ġiet imwarrba skont l-artikolu 3(f) tad-Direttiva 2003/87/KE kif emendata bid-Direttiva 2008/101/KE. Applikazzjoni għal allokazzjoni bla ħlas mir-riżerva speċjali tista' ssir minn operatur tal-inġenji tal-ajru:

(a) li jkun beda jwettaq xi attività tal-avjazzjoni li tinkwadra fi Skeda 1 wara s-sena ta' monitoraġġ li għaliha kellha tiġi preżentati d-data ta' kull kilometru-tunnellata għal perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar, 2013 jew minn żmien sussegwenti, meta dik l-attività ma tkunx, għal kollox jew parti minnha, kontinwazzjoni ta' xi attività tal-avjazzjoni li tkun saret qabel minn xi operatur tal-inġenji tal-ajru ieħor; jew

(b) li d-data tiegħu ta' kull kilometru-tunnellata tkun żdiedet b'medja ta' iżjed minn 18% fis-sena, bejn is-sena ta' monitoraġġ li għaliha d-data ta' kull kilometru-tunnellata tkun ġiet preżentata skont ir-regolament 4 għal perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar, 2013 jew perjodu sussegwenti u t-tieni sena kalendarja ta' dak il-perjodu, meta dik iż-żjieda fid-data ta' kull kilometru-tunnellata ma tkunx, għal kollox jew parti minnha, r-riżultat ta' kontinwazzjoni ta' xi attività tal-avjazzjoni li tkun saret qabel minn xi operatur tal-inġenji tal-ajru ieħor.

(2) Operatur ta' inġenji tal-ajru li jkun eliġibbli taħt is-subregolament (1) jista' japplika għal allokazzjoni ta' permessi bla ħlas taħt il-Kapitolu II mir-riżerva speċjali billi tiġi preżentata

applikazzjoni lill-Awtorità, u dik l-applikazzjoni għandha ssir sat-30 ta' Ġunju tat-tielet sena tal-perjodu li għalih tkun tirreferi l-applikazzjoni.

(3) Applikazzjoni skont is-subregolament (2) għandha:

(a) tinkludi data verifikati dwar kull kilometru-tunnellata għal attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fi Skeda 1 li jkunu saru mill-operatur tal-inġenji tal-ajru fit-tieni sena kalendarja tal-perjodu li għalih tkun tirreferi l-applikazzjoni;

(b) jipprovdi evidenza li jkunu ġew imwettqa l-kriterji għal eligibilità skont is-subregolament (1); u

(ċ) fil-każ ta' operatur tal-inġenji tal-ajru li jinkwadraw taħt is-subregolament (1)(b), jiddikjara:

(i) ż-żjieda perċentwali f'kilometri-tunnellata li tkun saret minn dak l-operatur tal-inġenji tal-ajru bejn is-sena ta' monitoraġġ li għaliha data ta' kull kilometru-tunnellata tkun ġiet preżentata skont ir-regolament 4 għal perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar, 2013 jew perjodu sussegwenti u t-tieni sena kalendarja ta' dak il-perjodu;

(ii) t-tkabbir assolut f'kilometri-tunnellata li jkun sar minn dak l-operatur tal-inġenji tal-ajru bejn is-sena ta' monitoraġġ li għaliha tkun ġiet preżentati data ta' kull kilometru-tunnellata skont ir-regolament 4 għal perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar, 2013 jew perjodu sussegwenti u t-tieni sena kalendarja ta' dak il-perjodu; u

(iii) t-tkabbir assolut f'kilometri-tunnellata li jkun sar minn dak l-operatur ta' inġenji tal-ajru bejn s-sena ta' monitoraġġ li għaliha tkun ġiet preżentata data ta' kull kilometru-tunnellata skont ir-regolament 4 għal perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar, 2013 jew perjodu sussegwenti u t-tieni sena kalendarja ta' dak il-perjodu li jkun jeċċedi l-perċentwali msemmi fis-subregolament (1)(b).

(4) L-Awtorità għandha tippreżenta lill-Kummissjoni kull applikazzjoni li tirċievi skont is-subregolament (2), jekk tkun sodisfatta li l-applikazzjoni tkun saret skont dan ir-regolament u li l-operatur tal-inġenji tal-ajru li jkun ippreżenta l-applikazzjoni jkun ħares ir-regolamenti 6 u 7. L-Awtorità għandha tippreżenta kull applikazzjoni bħal dik sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru tat-tielet sena tal-perjodu li għalih tkun tirreferi l-applikazzjoni.

(5) Skont deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni li tistabbilixxi l-linja ta' riferiment għal perjodu li għandu jintuża biex jiġu allokati permessi taħt il-Kapitolu II mingħajr ebda ħlas mir-riżerva speċjali lil operaturi tal-inġenji tal-ajru għal perjodu li għalih tkun tirreferi dik id-deċiżjoni, l-Awtorità għandha, fi żmien tliet xhur minn dik id-deċiżjoni, tikkalkula u tippubblika:

(a) l-allokazzjoni ta' permessi tal-Kapitolu II mir-riżerva speċjali lil kull operatur tal-inġenji tal-ajru li l-applikazzjoni tiegħu tkun ġiet preżentata lill-Kummissjoni skont is-subregolament (4); u

(b) l-allokazzjoni ta' permessi tal-Kapitolu II mir-riżerva speċjali lil kull operatur ta' inġenji tal-ajru għal kull sena li tiġi stabbilita, billi tiġi diviża l-allokazzjoni kif stabbilita skont il-paragrafu (a) bin-numru ta' snin kalendarji li jkun baqa' għal perjodu li għalih tkun tirreferi l-allokazzjoni.

(6) L-allokazzjoni ta' permessi tal-Kapitolu II mir-riżerva speċjali lil kull operatur tal-inġenji tal-ajru skont is-subregolament (5)(a) għandha tiġi kalkulata billi tiġi multiplikata l-linja ta' riferiment stabbilita fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija taħt is-subregolament (5) fil-każ ta':

(a) operatur tal-inġenji tal-ajru li jinkwadra taħt is-subregolament (1)(b) li l-applikazzjoni tiegħu tkun ġiet preżentata lill-Kummissjoni skont is-subregolament (4), bid-data għal kull kilometru-tunnellata inklużi fl-applikazzjoni preżentata lill-Kummissjoni;

(b) operatur tal-inġenji tal-ajru li jinkwadra taħt is-subregolament (1)(b) li l-applikazzjoni tiegħu tkun ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni skont is-subregolament (4), bit-tkabbir assolut f'kilometri-tunnellata li jkun jeċċedi l-perċentwali msemmi fis-subregolament (1)(b) inklużi fl-applikazzjoni preżentata lill-Kummissjoni.

(7) Allokazzjoni lil operatur tal-inġenji tal-ajru eliġibbli għal allokazzjoni ta' permessi tal-Kapitolu II skont is-subregolament (1)(b) m'għandhiex tkun teċċedi miljun permess taħt il-Kapitolu II .

Monitoraġġ ta' data ta' kull tunnellata-kilometru għal attivitajiet tal-avjazzjoni.

6. (1) Operatur tal-inġenji tal-ajru li jkun bi ħsiebu jippreżenta applikazzjoni għal permessi b'xejn taħt il-Kapitolu II skont ir-regolament 4 jew 5 għandu jippreżenta, lill-Awtorità, pjan

ta' monitoraġġ li jistabbilixxi miżuri biex isirilhom monitoraġġ u tiġi rappurtata data ta' kull kilometru-tunnellata minn attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fi Skeda 1. Il-pjan għandu jiġi preżentat sa mhux aktar tard minn 120 ġurnata qabel ma tibda s-sena ta' monitoraġġ li magħha jkollu x'jaqsam il-pjan ta' monitoraġġ, jew sa dik id-data li tista' tiġi stabbilita mill-Awtorità.

(2) Il-pjan ta' monitoraġġ għandu jkun skont:

(a) il-prinċipji stabbiliti fi Skeda 3; u

(b) d-deċiżjonijiet rilevanti u r-regolamenti adottati mill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE; u

(ċ) kull ħtieġa oħra li titlob l-Awtorità dwar il-monitoraġġ u r-rappurtaġġ ta' data ta' kull kilometru-tunnellata għal attivitajiet tal-avjazzjoni.

(3) Il-pjan ta' monitoraġġ ippreżentat minn operatur ta' inġenji tal-ajru konformement mas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandu jkun approvat mill-Awtorità, jekk tkun sodisfatta li l-pjan ikun konformi mal-ħtiġiet ta' dan ir-regolament. L-Awtorità tista' titlob mingħand l-operatur ta' inġenji tal-ajru kull informazzjoni addizzjonali li tqis li tkun adatta għall-approvazzjoni tal-pjan.

(4) Operatur tal-inġenji tal-ajru għandu javża lill-Awtorità b'kull devjazzjoni mill-pjan ta' monitoraġġ li tista' sseħħ f'kull waqt wara l-approvazzjoni tal-pjan:

Iżda l-Awtorità għandha tkun avżata b'kull devjazzjoni mill-pjan:

(a) kemm jista' jkun malajr qabel ma sseħħ d-devjazzjoni, jekk l-operatur ikun jaf bid-devjazzjoni jew isir jaf qabel ma sseħħ; jew,

(b) minnufih wara li sseħħ id-devjazzjoni jekk l-operatur ma jkunx jaf jew ma jsirx jaf bis-seħħ tad-devjazzjoni qabel jew fil-waqt meta din isseħħ.

Operatur tal-inġenji tal-ajru għandu jżomm reġistru dokumentat, li jkun jinkludi informazzjoni skont il-ħtiġiet li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Awtorità, b'kull devjazzjoni li sseħħ matul xi sena ta' monitoraġġ u għandu jippreżenta dak ir-reġistru lill-Awtorità flimkien mad-data verifikata dwar kull kilometru-

VERŻJONI ELETTRONIKA

tunnellata preżentata għal dik is-sena ta' monitoraġġ skont ir-regolament 4 jew ir-regolament 5.

(5) Operatur tal-inġenji tal-ajru jista' f'kull waqt wara l-approvazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ jippreżenta lill-Awtorità tibdil propost li jkunu jridu jsiru fil-pjan, skont id-deċiżjonijiet rilevanti u r-regolamenti adottati mill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE. L-operatur tal-inġenji tal-ajru għandu jżomm reġistru dokumentat ta' kull tibdil fil-pjan ta' monitoraġġ. Ebda tibdil sinifikanti propost għal pjan approvat m'għandu jkun validu mingħajr l-approvazzjoni tal-Awtorità.

(6) Meta tqis li jkun hekk adatt, l-Awtorità tista' titlob li jiġi preżentat pjan rivedut.

(7) Mingħajr ħsara għas-subregolament (4), operatur tal-inġenji tal-ajru għandu jagħmel monitoraġġ tad-data ta' kull kilometru-tunnellata skont il-pjan ta' monitoraġġ approvat mill-Awtorità skont dan ir-regolament.

Verifika ta' data ta' kull tunnellata-kilometru għal attivitajiet tal-avjazzjoni.

7. (1) Id-data għal kull kilometru-tunnellata preżentat minn operatur tal-inġenji tal-ajru skont ir-regolamenti 4 jew 5 ta' dawn ir-regolamenti għandha tkun verifikata minn verifikatur skont:

(a) il-prinċipji stabbiliti fi Skeda 4; u

(b) id-deċiżjonijiet rilevanti u r-regolamenti adottati mill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE; u ,

(ċ) kull ħtieġa oħra li ssir mill-Awtorità dwar il-verifika ta' data ta' kull tunnellata-kilometru għal attivitajiet tal-avjazzjoni.

(2) Rapport ta' verifika għandu jiġi preżentat mill-operatur ta' inġenji tal-ajru lill-Awtorità flimkien ma' rapport dwar id-data ta' kull kilometru-tunnellata preżentat għall-finijiet tal-applikazzjoni skont ir-regolamenti 4 jew 5.

(3) Verifikatur li jkun qed jagħmel il-verifika ta' data ta' kull kilometru-tunnellata ta' operatur tal-inġenji tal-ajru għandu javża lill-Awtorità u lill-Bord Nazzjonali dwar l-Akkreditament f'Malta bil-ħin ippjanat u l-post tal-verifika u l-identità tal-operatur tal-inġenji tal-ajru li d-data tiegħu ta' kull kilometru-tunnellata jkunu bla ħsara għall-verifika tiegħu sa mhux aktar tard minn 30 ġurnata qabel id-data ta' meta tkun ser issir il-verifika.

Aċċettazzjoni mill-Awtorità ta' data verifikati dwar rapporti ta' kull tunnellata-kilometru. 8. (1) L-Awtorità tista' twettaq kull verifika li tqis li tkun meħtieġa biex tiżgura li rapport dwar data ta' kull kilometru-tunnellata preżentata minn operatur ta' inġenji tal-ajru ikun skont ir-regolamenti 6 u 7.

(2) L-Awtorità għandha, abbażi tal-informazzjoni mniżżla fir-rapport ippreżentat dwar kull kilometru-tunnellata, fir-rapport ta' verifika preżentat skont ir-regolament 7 u fil-verifiki tagħha nnifisha, u sa mhux aktar tard minn 30 ġurnata wara d-data ta' meta jiġi preżentat ir-rapport, tistabbilixxi jekk tkunx tista' taċċetta ir-rapport preżentat. L-Awtorità m'għandhiex taċċetta rapport dwar data ta' kull kilometru-tunnellata li ma jkunx ġie preżentat rapport ta' verifika dwarhom. L-Awtorità għandha tavża lill-operatur ta' inġenji tal-ajru, bil-miktub jew b'mezzi dokumentati oħra, bid-deċiżjoni tagħha.

(3) Meta tqis li jkun hekk meħtieġ, l-Awtorità tista' teħtieġ li jiġi preżentat rapport dwar kull kilometru-tunnellata rivedut. Ir-rapport dwar kull kilometru-tunnellata rivedut għandu jkun verifikat skont ir-regolament 7 ħlief meta jiġi deċiż xort'oħra mill-Awtorità.

Irkantar ta' permessi.

9. (1) L-għadd ta' permessi taħt il-Kapitolu II li m'humiex allokati mingħajr ebda ħlas, kif stabbilit għal Malta u kif hemm fid-Direttiva 2003/87/KE, għandha tiġi irkantata mill-irkantatur kif hemm fid-deċiżjonijiet rilevanti u fir-regolamenti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE.

(2) L-irkantatur għandu jaġixxi kif hemm fid-deċiżjonijiet rilevanti u fir-regolamenti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE.

Reġistru.

10. (1) Il-permessi taħt il-Kapitolu II li jinħarġu lil operaturi ta' inġenji tal-ajru kif hawn f'dawn ir-regolamenti għandhom jinżammu fir-reġistru tal-Unjoni. Operatur ta' inġenji tal-ajru għandu jkollu kont ta' depożitu ta' operatur ta' inġenji tal-ajru fir-reġistru tal-Unjoni.

(2) L-Awtorità għandha taġixxi bħala amministratur tar-reġistru nazzjonali rigward operatur ta' inġenji tal-ajru li jkun detentur ta' kontijiet ta' operaturi ta' inġenji tal-ajru li dawn ir-regolamenti japplikaw għalihom. L-amministratur tar-reġistru nazzjonali għandu jaqdi l-funzjonijiet tiegħu kif hemm fid-deċiżjonijiet rilevanti u fir-regolamenti adottati mill-Kummissjoni

VERŻJONI ELETTRONIKA

konformement mad-Direttiva 2003/87/KE. L-amministratur tar-reġistru nazzjonali għandu jiżgura li ma jkun hemm ebda konflitt ta' interess bejnu u d-detenturi ta' operatur ta' inġenji tal-ajru li jkun detentur ta' kontijiet.

(3) It-talba biex jinfetaħ kont ta' depożitu ta' operatur ta' inġenji tal-ajru għandha ssir mill-Awtorità jew mill-operatur ta' inġenji tal-ajru lill-amministratur tar-reġistru nazzjonali.

(4) It-talba biex jinfetaħ kont ta' depożitu ta' operatur ta' inġenji tal-ajru għandha tkun tinkludi kull informazzjoni meħtieġa mill-amministratur tar-reġistru nazzjonali kif hemm fid-deċiżjonijiet rilevanti u fir-regolamenti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE u f'kull ħtieġa u fil-pattijiet u kundizzjonijiet magħmulin mill-amministratur tar-reġistru nazzjonali.

(5) L-amministratur tar-reġistru nazzjonali għandu jiftaħ u jamministra kont ta' depożitu ta' operatur ta' inġenji tal-ajru għal operatur ta' inġenji tal-ajru kif hemm fid-deċiżjonijiet rilevanti u fir-regolamenti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE u fil-pattijiet u kundizzjonijiet li jista' jagħmel. L-amministratur tar-reġistru nazzjonali m'għandux jiftaħ kont kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li t-talba tkun konformi mal-ħtiġiet ta' dan ir-regolament.

(6) Detentur ta' kont, ta' kont ta' depożitu ta' operatur ta' inġenji tal-ajru, u r-rappreżentanti awtorizzati nominati tiegħu għandhom jaġixxu kif hemm fid-deċiżjonijiet rilevanti u fir-regolamenti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE u f'kull patt u kundizzjoni magħmulin mill-amministratur tar-reġistru nazzjonali.

(7) Meta operatur ta' inġenji tal-ajru jonqos milli jikkonforma ruħu ma' xi ħtiġiet ta' deċiżjonijiet u mar-regolamenti adottati mill-Kummissjoni rigward reġistri jew pattijiet u kundizzjonijiet magħmulin mill-amministratur tar-reġistru nazzjonali rigward ir-reġistri, l-amministratur tar-reġistru nazzjonali jista' jipprevjeni t-trasferiment ta' permessi jew unitajiet ta' kontijiet oħra fil-kont u barra mill-kont ta' depożitu ta' operatur ta' inġenji tal-ajru miżmum minn dak l-operatur ta' inġenji tal-ajru sakemm jissewwa dak in-nuqqas ta' konformità:

Iżda l-amministratur tar-reġistru nazzjonali m'għandux jipprevjeni ċessjoni jew kanċellament ta' permessi kif hemm fir-regolament 16 ta' dawn ir-regolamenti.

Ħruġ ta' permessi allokati lil operaturi ta' inġenji tal-ajru u validità ta' permessi.

11. (1) L-Awtorità għandha, sat-28 ta' Frar, 2012 u sat-28 ta' Frar ta' kull sena sussegwenti, toħroġ lil kull operatur ta' inġenji tal-ajru l-għadd ta' permessi taħt il-Kapitolu II u allokati lil dak l-operatur ta' inġenji tal-ajru għal dik is-sena kif stabbilit taħt il-paragrafu (b) tas-subregolament (6) tar-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti jew il-paragrafu (b) tas-subregolament (5) tar-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti. Il-ħruġ ta' permessi għandu jsir kif hemm fid-deċiżjonijiet rilevanti u fir-regolamenti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE.

(2) Kull operatur ta' inġenji tal-ajru għandhom jinħarġulu permessi taħt il-Kapitolu II kif hemm fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament fil-kont ta' depożitu tal-operatur ta' inġenji tal-ajru miżmum fir-reġistru tal-Unjoni.

(3) Permessi taħt il-Kapitolu II maħruġin kif hemm fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament dwar il-perjodu mill-1 ta' Jannar, 2012 sal-31 ta' Diċembru, 2012, il-perjodu li jibda għaddej mill-1 ta' Jannar, 2013 u perjodi sussegwenti għandhom ikunu validi għal emissjonijiet matul il-perjodu li jkunu nħarġu għalih.

(4) Erba' xhur wara li jkun beda l-perjodu li jibda fl-1 ta' Jannar, 2013 u perjodi sussegwenti, l-Awtorità għandha tħassar permessi li ma jibqgħux aktar validi għal dak il-perjodu u li ma jkunux ġew trasferiti u mħassra kif hemm fir-regolament 16 ta' dawn ir-regolamenti.

(5) Għal kull perjodu msemmi fis-subregolament (4) ta' dan ir-regolament, l-Awtorità għandha toħroġ permessi lil operaturi ta' inġenji tal-ajru għall-perjodu korrenti biex jissostitwixxu kull permess miżmum minnhom li jkunu mħassra kif hemm fis-subregolament (4).

(6) Meta jinħarġu permessi taħt il-Kapitolu II lil operatur ta' inġenji tal-ajru dwar xi sena skont is-subregolament (1), u, kif hemm fid-deċiżjonijiet rilevanti u fir-regolamenti adottati mill-Kummissjoni skont l-artikolu 25(a) tad-Direttiva 2003/87/KE jew skont deċiżjoni meħuda mill-Awtorità b'konsegwenza ta' dawn id-deċiżjonijiet u regolamenti, l-għadd ta' permessi taħt il-Kapitolu II allokati lil dak l-operatur ta' inġenji tal-ajru għal dik is-sena, kif stabbilit taħt il-paragrafu (b) tas-subregolament (6) tar-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti jew fil-paragrafu (b) tas-subregolament (5) tar-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti, għandu jitnaqqas, l-operatur ta' inġenji tal-ajru għandu jrodd lura għadd ta' permessi ekwivalenti għall-ammont li l-allokazzjoni tkun ser titnaqqas bih.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Monitoraġġ ta' emissjonijiet annwali.

12. (1) Operatur ta' inġenji tal-ajru għandu jippreżenta lill-Awtorità pjan ta' monitoraġġ li jistabbilixxi miżuri biex jagħmel monitoraġġ u jirrapporta dwar emissjonijiet ta' gassijiet serra speċifikati rigward attivitajiet tal-avjazzjoni li hemm fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn r-regolamenti. Il-pjan ta' monitoraġġ għandu jiġi ppreżentat minn operatur ta' inġenji tal-ajru lill-Awtorità sa mhux aktar tard minn 120 ġurnata qabel ma l-operatur ta' inġenji tal-ajru jibda għaddej bl-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn r-regolamenti:

Iżda, meta operatur ta' inġenji tal-ajru jwettaq xi attività tal-avjazzjoni elenkata fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għall-ewwel darba li ma tistax tkun prevista qabel 120 ġurnata minn meta sseħħ l-attività, il-pjan ta' monitoraġġ għandu jiġi ppreżentat lill-Awtorità sa mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara t-twettieq ta' dik l-attività:

Iżda wkoll, meta operatur ta' inġenji tal-ajru li dwaru Malta tkun appuntata bħala l-iStat Membru li jamministra konformement mar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti, wara li jwettaq xi attività tal-avjazzjoni elenkata fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għall-ewwel darba, il-pjan ta' monitoraġġ għandu jiġi ppreżentat lill-Awtorità mingħajr dewmien żejjed wara li Malta tkun appuntata bħala l-iStat Membru li jamministra għal dak l-operatur ta' inġenji tal-ajru jew f'tempistika hekk kif tista' tiġi miftiehma bejn l-operatur ta' inġenji tal-ajru u l-Awtorità.

(2) Il-pjan ta' monitoraġġ għandu jkun konformi:

(a) mal-prinċipji stabbiliti li hemm fi Skeda 3 li tinsab ma' dawn r-regolamenti; u

(b) mad-deċiżjonijiet rilevanti u mar-regolamenti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE; u

(ċ) ma' kull ħtieġa oħra li ssir mill-Awtorità rigward il-monitoraġġ u r-rappurtar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra minn attivitajiet tal-avjazzjoni.

(3) Il-pjan ta' monitoraġġ ippreżentat minn operatur ta' inġenji tal-ajru konformement mas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandu jkun approvat mill-Awtorità, jekk dan ikun sodisfatt li l-pjan ikun konformi mal-ħtiġiet stabbiliti taħt dan ir-regolament. L-Awtorità tista' titlob mingħand l-operatur ta' inġenji

tal-ajru kull informazzjoni addizzjonali li tqis li tkun adatta għall-approvazzjoni tal-pjan.

(4) Operatur ta' inġenji tal-ajru għandu javża lill-Awtorità b'kull devjazzjoni mill-pjan ta' monitoraġġ li tista' tokkorri f'kull waqt wara l-approvazzjoni tal-pjan mill-Awtorità:

Iżda l-Awtorità għandha tkun avżata b'kull devjazzjoni mill-pjan:

(a) kemm jista' jkun malajr qabel ma tokkorri d-devjazzjoni, jekk id-devjazzjoni tkun magħrufa mill-operatur jew titgħarraf lill-operatur qabel ma tokkorri; jew,

(b) minnufih wara li tokkorri d-devjazzjoni jekk l-okkorrenza tad-devjazzjoni ma tkunx magħrufa mill-operatur jew ma tkunx tgħarrfet lill-operatur qabel ma tokkorri jew meta din tokkorri.

Operatur ta' inġenji tal-ajru għandu jżomm record dokumentat, li jkun jinkludi informazzjoni kif hemm fil-ħtiġiet li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Awtorità, b'kull devjazzjoni li tiġri matul xi sena ta' monitoraġġ u għandu jippreżenta dak ir-record lill-Awtorità flimkien mar-rapport ta' emissjonijiet annwali ippreżentat konformement ma' dan ir-regolament.

(5) Operatur ta' inġenji tal-ajru jista' f'kull waqt wara l-approvazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ jippreżenta lill-Awtorità xi modifiki proposti li jkunu jridu jsiru fil-pjan, kif hemm fid-deċiżjonijiet rilevanti u fir-regolamenti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE. L-operatur ta' inġenji tal-ajru għandu jżomm record dokumentat ta' kull modifika fil-pjan ta' monitoraġġ. Ebda modifika sinifikanti proposta għal pjan approvat m'għandha tkun valida mingħajr l-approvazzjoni tal-Awtorità.

(6) Meta hekk jidhrilha li jkun adatt, l-Awtorità tista' titlob li jiġi ppreżentat pjan rivedut.

(7) Operatur ta' inġenji tal-ajru għandu jirrevedi l-pjan ta' monitoraġġ qabel ma jibda għaddej il-perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar, 2013 u kull perjodu sussegwenti u jippreżenta pjan ta' monitoraġġ rivedut kif ikun adatt.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(8) Operatur ta' inġenji tal-ajru għandu:

(a) mis-sena ta' monitoraġġ bejn l-1 ta' Jannar, 2010 sal-31 ta' Diċembru, 2010 fil-każ ta' operatur ta' inġenji tal-ajru li dwaru Malta tkun identifikata bħala l-iStat Membru li jamministra qabel ma tibda dik is-sena ta' monitoraġġ; jew

(b) mill-ewwel sena ta' monitoraġġ li tapplika għalih fil-każ ta' operatur ta' inġenji tal-ajru li dwaru Malta tkun identifikata bħala l-iStat Membru li jamministra wara l-bidu tas-sena ta' monitoraġġ bejn l-1 ta' Jannar, 2010 sal-31 ta' Diċembru, 2010,

jagħmel monitoraġġ emissjonijiet minn inġenji tal-ajru li jopera u li jwettqu attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, matul kull sena ta' monitoraġġ.

(9) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (4), operatur ta' inġenji tal-ajru għandu jagħmel monitoraġġ tal-emissjonijiet annwali kif hemm fl-pjan ta' monitoraġġ approvat mill-Awtorità u kif hawn f'dan ir-regolament. L-Awtorità tista' tieħu kull azzjoni li tqis li tkun hekk meħtieġa taħt dawn ir-regolamenti biex tiżgura li operatur ta' inġenji tal-ajru ikun qiegħed iwettaq monitoraġġ u jirrapporta emissjonijiet annwali kif hemm fl-pjan ta' monitoraġġ approvat.

Rappurtar ta' emissjonijiet annwali verifikati.

13. (1) Operatur ta' inġenji tal-ajru għandu jirrapporta emissjonijiet, li jkun sarilhom monitoraġġ kif hemm fir-regolament 12 ta' dawn ir-regolamenti, għal kull sena ta' monitoraġġ skont:

(a) il-prinċipji stabbiliti li hemm fi Skeda 3; u

(b) d-deċiżjonijiet rilevanti u fir-regolamenti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE; u

(ċ) kull ħtieġa oħra li ssir mill-Awtorità rigward ir-rappurtaġġ ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra minn attivitajiet tal-avjazzjoni.

(2) Għandu jiġi ppreżentat rapport dwar l-emissjonijiet għal kull sena ta' monitoraġġ lill-Awtorità sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena sussegwenti.

(3) Ir-rapport ippreżentat minn operatur ta' inġenji tal-ajru konformement mas-subregolament (2) ta' dan ir-regolament ta' dawn ir-regolamenti għandu jkun verifikat minn verifikatur skont:

(a) il-prinċipji stabbiliti fi Skeda 4; u

(b) id-deċiżjonijiet rilevanti u r-regolamenti adottati mill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE; u

(ċ) kull ħtieġa oħra li ssir mill-Awtorità rigward verifika ta' rapporti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra minn attivitajiet tal-avjazzjoni.

(4) Għandu jiġi ppreżentat rapport ta' verifika mill-operatur ta' inġenji tal-ajru lill-Awtorità flimkien ma' kull rapport dwar l-emissjonijiet li jiġi ppreżentat.

(5) Meta operatur ta' inġenji tal-ajru jonqos milli jippreżenta rapport annwali dwar l-emissjonijiet għal xi sena ta' monitoraġġ li tkun ġiet verifikata bħala waħda sodisfaċenti sal-31 ta' Marzu tas-sena sussegwenti għas-sena ta' monitoraġġ, l-amministratur tar-reġistru nazzjonali m'għandux jippermetti t-trasferiment ta' permessi jew xi unitajiet ta' kontijiet oħra minbarra dawk tal-kont ta' depożitu ta' operatur ta' inġenji tal-ajru ta' dak l-operatur ta' inġenji tal-ajru sakemm ma jkunx ġie verifikat bħala sodisfaċenti rapport minn dak l-operatur ta' inġenji tal-ajru għal dik is-sena ta' monitoraġġ:

Iżda l-amministratur tar-reġistru nazzjonali m'għandux jipprevjeni ċ-ċessjoni jew kanċellament ta' permessi kif hemm fir-regolament 16 ta' dawn ir-regolamenti, jew il-ħruġ ta' permessi bi skambju għal CERs jew ERUs kif hemm fir-regolamenti 17 jew 18 ta' dawn ir-regolamenti.

(6) Verifikatur li jkun qed iwettaq verifika ta' rapport annwali dwar l-emissjonijiet ta' operatur ta' inġenji tal-ajru għandu javża lill-Awtorità u lill-Bord Nazzjonali dwar l-Akkreditament (Malta) bil-ħin ippjanat u l-post tal-verifika u bl-identità tal-operatur ta' inġenji tal-ajru li r-rapport annwali dwar l-emissjonijiet tiegħu jkun soġġett għall-verifika tiegħu sa mhux aktar tard minn 30 ġurnata qabel id-data meta tkun ser titwettaq il-verifika.

Aċċettazzjoni mill-awtorità kompetenti ta' rapport dwar emissjonijiet annwali verifikati u kif jiġu stabbiliti l-emissjonijiet f'każ li ma jsirx rappurtar jew ma ssirx verifika.

14. (1) L-Awtorità tista' twettaq kull verifika li tqis li tkun meħtieġa biex tiżgura li rapport ippreżentat minn operatur ta' inġenji tal-ajru ikun kif hemm fir-regolament 13 ta' dawn ir-regolamenti.

(2) L-Awtorità għandha, abbażi tal-informazzjoni mniżżla fir-rapport ippreżentat, fir-rapport ta' verifika ippreżentat kif hemm fir-regolament 13 ta' dawn ir-regolamenti u fil-verifiki tagħha nnifisha, u sa mhux aktar tard minn 30 ġurnata wara d-data meta jiġi ppreżentat ir-rapport, tistabbilixxi jekk tkunx tista' taċċetta ir-rapport ippreżentat. L-Awtorità m'għandhiex taċċetta rapport ta' emissjonijiet annwali li ma jkunx ġie ppreżentat rapport ta' verifika dwaru. L-Awtorità għandha tgħarraf lill-operatur ta' inġenji tal-ajru, bil-miktub jew b'mezzi oħra dokumentati, bid-deċiżjoni tagħha. Meta hija hekk tqis li jkun meħtieġ, l-Awtorità tista' teħtieġ li jiġi ppreżentat rapport annwali dwar l-emissjonijiet rivedut. Ir-rapport annwali dwar l-emissjonijiet rivedut għandu jkun verifikat kif hemm fir-regolament 13 ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Meta, dwar xi sena ta' monitoraġġ, operatur ta' inġenji tal-ajru ma jippreżentax rapport dwar l-emissjonijiet verifikat kif hemm fir-regolament 13 ta' dawn ir-regolamenti jew meta jitqies li l-operatur ta' inġenji tal-ajru ma jkunx ippreżenta rapport dwar l-emissjonijiet li jkun konformi mal-ħtiġiet stabbiliti fir-regolament 13 ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorità tista', kemm-il darba ma jkunx hemm xi ftehim bil-miktub bejn l-Awtorità u l-operatur ta' inġenji tal-ajru li jkun jipprovdi xort'oħra, tkun hi li tistabbilixxi l-emissjonijiet għal attivitajiet tal-avjazzjoni mwettqa mill-operatur ta' inġenji tal-ajru għal dik is-sena li dwarha ma jkunx ġie ippreżentat ir-rapport verifikat. L-Awtorità għandha tuża l-aħjar data disponibbli u tiżgura li ssir stima konservattiva li ma tkunx tissottovaluta l-emissjonijiet. Meta l-emissjonijiet annwali jiġu stabbiliti taħt dan is-subregolament, l-Awtorità għandha tqis il-ħtiġiet stabbiliti fi Skedi 3 u 4 li jinsabu ma' dawn r-regolamenti:

Iżda l-Awtorità għandha tavża lill-operatur ta' inġenji tal-ajru bl-emissjonijiet kif stabbiliti u bil-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti dawk l-emissjonijiet.

Penali li għandhom x'jaqsmu mal-monitoraġġ u mar-rappurtar ta' emissjonijiet annwali.

15. (1) Operatur ta' inġenji tal-ajru li jonqos milli jippreżenta pjan ta' monitoraġġ kif hemm fir-regolament 12 ta' dawn ir-regolamenti dwar is-snin 2010 u 2011, jista' jeħel penali amministrattiva ta' ħamest elef euro (€5,000) u, jew, mitt euro (€100) għal kull ġurnata ta' nuqqas ta' konformità, md-data ta' avviż li jingħata mill-Awtorità lill-operatur.

(2) Operatur ta' inġenji tal-ajru li jonqos milli jagħmel monitoraġġ ta' emissjonijiet annwali kif hemm fir-regolament 12 ta' dawn ir-regolamenti jew jonqos milli jippreżenta rapport annwali dwar l-emissjonijiet kif hemm fir-regolament 13 ta' dawn ir-regolamenti dwar is-snin 2010 u 2011, jista' jeħel penali amministrattiva ta' ħamest elef euro (€5,000) u, jew, mitt euro (€100) għal kull ġurnata ta' nuqqas ta' konformità, mid-data ta' avviż li jingħata mill-Awtorità lill-operatur.

(3) Operatur ta' inġenji tal-ajru li jonqos milli jippreżenta pjan ta' monitoraġġ u rappurtar kif hemm fir-regolament 12 ta' dawn ir-regolamenti dwar il-perjodu mill-1 ta' Jannar, 2012 sal-31 ta' Diċembru, 2012, il-perjodu li jibda għaddej mill-1 ta' Jannar, 2013 jew minn żmien sussegwenti, jista' jeħel:

(a) fil-każ ta' operatur ta' inġenji tal-ajru li jkollu emissjonijiet għall-ewwel sena kalendarja tal-perjodu li l-pjan ikollu x'jaqsam dwarha jew għall-ewwel sena ta' twettiq ta' attività li taqa' taħt dawn ir-regolamenti matul il-perjodu li l-pjan ikollu x'jaqsam dwaru li jkunu anqas minn għaxart elef (10,000) tunnellata ta' ekwivalenti ta' dijossidu karboniku, penali amministrattiva ta' elf euro (€1,000) u, jew, ħamsin euro (€50) għal kull ġurnata ta' nuqqas ta' konformità, mid-data ta' avviż li jingħata mill-Awtorità lill-operatur;

(b) fil-każ ta' operatur ta' inġenji tal-ajru li jkollu emissjonijiet għall-ewwel sena kalendarja tal-perjodu li l-pjan ikollu x'jaqsam dwarha jew għall-ewwel sena ta' twettiq ta' attività li taqa' taħt dawn ir-regolamenti matul il-perjodu li l-pjan ikollu x'jaqsam dwaru li jkunu ugwali għal jew akbar minn għaxart elef (10,000) tunnellata ta' ekwivalenti ta' dijossidu karboniku u ugwali għal jew anqas minn ħamsin elf (50,000) tunnellata ta' ekwivalenti ta' dijossidu karboniku, penali amministrattiva ta' ħamest elef euro (€5,000) u, jew, mitt euro (€100) għal kull ġurnata ta' nuqqas ta' konformità, mid-data ta' avviż li jingħata mill-Awtorità lill-operatur;

(ċ) fil-każ ta' operatur ta' inġenji tal-ajru li jkollu emissjonijiet għall-ewwel sena kalendarja tal-perjodu li l-pjan ikollu x'jaqsam dwarha jew għall-ewwel sena ta' twettiq ta' attività li taqa' taħt dawn ir-regolamenti matul il-perjodu li l-pjan ikollu x'jaqsam dwaru jkunu iżjed minn ħamsin elf (50,000) tunnellata ta' dijossidu karboniku ekwivalenti u ugwali għal jew anqas minn ħames mitt elf (500,000) tunnellata ta' ekwivalenti ta' dijossidu karboniku, penali

amministrattiva ta' għaxart elef euro (€10,000) u, jew, tliet mitt euro (€300) għal kull ġurnata ta' nuqqas ta' konformità, mid-data ta' avviż li jingħata mill-Awtorità lill-operatur;

(d) fil-każ ta' operatur ta' inġenji tal-ajru li jkollu emissjonijiet għall-ewwel sena kalendarja tal-perjodu li l-pjan ikollu x'jaqsam dwarha jew għall-ewwel sena ta' twettiq ta' attività li taqa' taħt dawn ir-regolamenti matul il-perjodu li l-pjan ikollu x'jaqsam dwaru jkunu iżjed minn ħames mitt elf (500,000) tunnellata ta' ekwivalenti ta' dijossidu karboniku, penali amministrattiva ta' ħamsin elf euro (€50,000) u, jew, sitt mitt euro (€600) għal kull ġurnata ta' nuqqas ta' konformità, mid-data ta' avviż li jingħata mill-Awtorità lill-operatur.

(4) Operatur ta' inġenji tal-ajru li jonqos milli jagħmel monitoraġġ ta' emissjonijiet annwali matul xi sena kif hemm fir-regolament 12 ta' dawn ir-regolamenti jew jonqos milli jippreżenta rapport dwar emissjonijiet annwali verifikati rigward xi sena kif hemm fir-regolament 13 ta' dawn ir-regolamenti dwar il-perjodu mill-1 ta' Jannar, 2012 sal-31 ta' Diċembru, 2012, il-perjodu li jibda għaddej mill-1 ta' Jannar, 2013 jew minn żmien sussegwenti, jista' jeħel:

(a) fil-każ ta' operatur ta' inġenji tal-ajru li jkollu emissjonijiet għal dik is-sena li jkunu anqas minn għaxart elef (10,000) tunnellata ta' ekwivalenti ta' dijossidu karboniku, penali amministrattiva ta' elf euro (€1,000) u, jew, ħamsin euro (€50) għal kull ġurnata ta' nuqqas ta' konformità, mid-data ta' avviż li jingħata mill-Awtorità lill-operatur;

(b) fil-każ ta' operatur ta' inġenji tal-ajru li jkollu emissjonijiet għal dik is-sena li jkunu ugwali għal jew akbar minn għaxart elef (10,000) tunnellata ta' ekwivalenti ta' dijossidu karboniku u ugwali għal jew anqas minn ħamsin elf (50,000) tunnellata ta' ekwivalenti ta' dijossidu karboniku, penali amministrattiva ta' ħamest elef euro (€5,000) u, jew, mitt euro (€100) għal kull ġurnata ta' nuqqas ta' konformità, mid-data ta' avviż li jingħata mill-Awtorità lill-operatur;

(ċ) fil-każ ta' operatur ta' inġenji tal-ajru li jkollu emissjonijiet għal dik is-sena li jkunu iżjed minn ħamsin elf (50,000) tunnellata ta' dijossidu karboniku ekwivalenti u ugwali għal jew anqas minn ħames mitt elf (500,000) tunnellata ta' ekwivalenti ta' dijossidu karboniku, penali

amministrattiva ta' għaxart elef euro (€10,000) u, jew, tliet mitt euro (€300) għal kull ġurnata ta' nuqqas ta' konformità, mid-data ta' avviż li jingħata mill-Awtorità lill-operatur;

(d) fil-każ ta' operatur ta' inġenji tal-ajru li jkollu emissjonijiet għal dik is-sena li jkunu iżjed minn ħames mitt elf (500,000) tunnellata ta' ekwivalenti ta' dijossidu karboniku, penali amministrattiva ta' ħamsin elf euro (€50,000) u, jew, sitt mitt euro (€600) għal kull ġurnata ta' nuqqas ta' konformità, mid-data ta' avviż li jingħata mill-Awtorità lill-operatur.

(5) Għall-finijiet li tiġi stabbilita l-penali amministrattiva taħt dan ir-regolament, meta ma jkunux magħrufin jew ma jiġux rappurtati l-emissjonijiet tal-operatur ta' inġenji tal-ajru jew meta l-Awtorità tkun sodisfatta li ma jkun hemm ebda possibiltà raġonevoli li kwantità ta' emissjonijiet verifikata tkun ser tiġi rappurtata mill-operatur ta' inġenji tal-ajru, l-Awtorità tista' hi nnifisha tistabbilixxi l-emissjonijiet mill-attivitajiet imwettqa mill-operatur ta' inġenji tal-ajru. L-Awtorità għandha tuża l-aħjar data disponibbli u tiżgura li ssir stima konservattiva li ma tkunx tissottovaluta l-emissjonijiet. L-operatur ta' inġenji tal-ajru jista' jeħel penali amministrattiva ugwali għall-ammonti stabbiliti fis-subregolamenti (3) u (4) rigward il-kwantità ta' emissjonijiet kalkolati kif hawn f'dan is-subregolament.

Ċessjoni u kanċellament ta' permessi.

16. (1) Kull operatur ta' inġenji tal-ajru għandu, sa mis-sena 2013 u sa mhux aktar tard mit-30 ta' April ta' dik is-sena u ta' kull sena sussegwenti warajha, jittrasferixxi għadd ta' permessi ugwali għall-emissjonijiet verifikati totali matul is-sena kalendarja preċedenti minn attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti li tiġi rappurtata kif hemm fir-regolament 13 ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Operatur ta' inġenji tal-ajru jista' jittrasferixxi permessi taħt il-Kapitolu II u l-Kapitolu III. Permessi maħruġa minn awtorità kompetenti ta' xi Stat Membru ieħor għandhom jiġu rikonoxxuti mill-Awtorità bil-għan li jintlaħqu l-obbligi ta' operatur ta' inġenji tal-ajru taħt is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament.

(3) L-amministratur tar-reġistru nazzjonali għandu jħassar permessi trasferiti kif hemm fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) L-amministratur tar-reġistru nazzjonali għandu jħassar permessi f'kull waqt wara talba mill-operatur ta' inġenji tal-ajru li jkollu dawk il-permessi .

(5) Ċessjoni u kanċellament ta' permessi għandu jsir kif hemm fid-deċiżjonijiet rilevanti u fir-regolamenti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE.

(6) L-Awtorità għandha tippubblika l-isem ta' kull operatur ta' inġenji tal-ajru li jikser il-ħtieġa li jiġu trasferiti permessi suffiċjenti taħt is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament.

(7) Operatur ta' inġenji tal-ajru li ma jittrasferix permessi suffiċjenti sat-30 ta' April ta' kull sena kif inhu meħtieġ bis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament biex ikopri l-emissjonijiet tiegħu matul is-sena preċedenti jista' jeħel penali amministrattiva ta' mitt euro (€100) għall-emissjoni ta' kull tunnellata ta' dijossidu karboniku ekwivalenti, li l-operatur ta' inġenji tal-ajru ma jkunx ittrasferixxa permessi dwarha. Mill-1 ta' Jannar 2013, meta, għas-sena li dwarha operatur ta' inġenji tal-ajru ma jittrasferix permessi suffiċjenti biex ikopri emissjonijiet matul dik is-sena kif hemm fis-subregolament (1), il-medja annwali għall-Indiċi Ewropew Armonizzat ta' Prezzijiet għall-Konsumatur pubblikat ikun juri żjieda perċentwali kif imqabbel mal-Indiċi Ewropew Armonizzat ta' Prezzijiet għall-Konsumatur pubblikat għas-sena preċedenti, il-penali amministrattiva għandha tiżdied bl-istess perċentwali. Il-penali amministrattiva kif hekk riveduta konformement ma' dan is-subregolament għandha tkun tapplika għal snin sussegwenti kemm-il darba din ma tiżdiedx aktar kif hemm fl-Indiċi Ewropew Armonizzat ta' Prezzijiet għall-Konsumatur. Għall-finijiet ta' dan is-subregolament, kull permess li ma jiġix trasferit mill-operatur ta' inġenji tal-ajru għall-emissjoni ta' tunnellata waħda ta' dijossidu karboniku ekwivalenti, għandu jitqies bħala kontravenzjoni separata.

(8) L-impożizzjoni ta' penali amministrattiva kif stipulata fis-subregolament (6) ta' dan ir-regolament ma teħlisx lill-operatur ta' inġenji tal-ajru mill-obbligu li jittrasferixxi ammont ta' permessi ugwali għal dawk l-emissjonijiet li jkunu saru b'eċċess li dwarhom titħallas il-penali amministrattiva meta jkunu qegħdin jiġu trasferiti l-permessi dwar is-sena kalendarja ta' wara.

(9) Meta operatur ta' inġenji tal-ajru jonqos milli jittrasferixxi permessi kif hemm fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, l-amministratur tar-reġistru nazzjonali m'għandux

jippermetti t-trasferiment ta' permessi jew ta' xi unitajiet ta' kontijiet oħra barra mill-kont ta' depożitu ta' operatur ta' inġenji tal-ajru ta' dak l-operatur ta' inġenji tal-ajru sakemm l-operatur ta' inġenji tal-ajru ma jikkonformax ruħu mal-ħtieġa li jittrasferixxi l-permessi:

Iżda l-amministratur tar-reġistru nazzjonali m'għandux jipprevjeni ċ-ċessjoni ta' permessi kif hemm fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament jew il-kanċellament ta' permessi kif hemm fis-subregolament (4) ta' dan ir-regolament, jew il-ħruġ ta' permessi bi skambju għal CERs jew ERUs kif hemm fir-regolamenti 17 jew 18 ta' dawn ir-regolamenti.

Użu ta' CERs u ERUs minn attivitajiet ta' proġett fi skema kummerċjali tal-UE dwar emissjonijiet għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012.

17. (1) Matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar, 2012 sal-31 ta' Diċembru, 2012 operatur ta' inġenji tal-ajru jista' juża CERs u ERUs sa kwantità ekwivalenti għal 15% tal-emissjonijiet totali, f'tunnellati ekwivalenti ta' dijossidu karboniku, li jkunu meħtieġa li jiġu trasferiti permessi dwarhom konformement mar-regolament 16 ta' dawn ir-regolamenti.

(2) L-użu ta' CERs jew ERUs minn operatur ta' inġenji tal-ajru konformement mas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandhom jokkorru permezz tal-ħruġ u t-trasferiment immedjat ta' permess wieħed mill-Awtorità bi skambju għal CER jew ERU wieħed li għandu jiġi trasferit u li jiġi miżmum minn dak l-operatur ta' inġenji tal-ajru fir-reġistru tal-Unjoni. CERs u ERUs użati kif hawn f'dan ir-regolament minn operatur ta' inġenji tal-ajru biex jikkonforma ruħu mal-obbligi taħt ir-regolament 16 ta' dawn ir-regolamenti għandu jiġi sussegwentement imħassar.

(3) CERs u ERUs li jinħarġu u jistgħu jintużaw kif hemm fl-UNFCCC u fil-Protokoll ta' Kyoto u deċiżjonijiet sussegwenti adottati taħthom, jistgħu jintużaw minn operatur ta' inġenji tal-ajru kif hemm fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament:

Iżda CERs u ERUs ġejjin mill-użu tal-art, bdil fl-użu tal-art u attivitajiet ta' foresterija u, CERs u ERUs ġenerati minn faċilitajiet nukleari, ma jistgħux jintużaw b'dan il-mod.

Użu ta' CERs u ERUs minn attivitajiet ta' proġett fi skema kummerċjali tal-UE dwar emissjonijiet għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2020.

18. (1) Sal-limitu li l-livelli ta' użu ta' CER u ERU, li huma permessi lil operatur ta' inġenji tal-ajru għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012 ma jkunux intużaw, jew meta jingħata d-dritt li jintużaw krediti taħt is-subregolament (5), l-operatur ta' inġenji tal-ajru jista' jitlob li jinħarġulu permessi li

VERŻJONI ELETTRONIKA

jkunu validi mill-2013 'il quddiem bi skambju għal CERs u ERUs maħruġa dwar riduzzjonijiet ta' emissjoni sal-2012 minn tipi ta' proġetti li kienu eliġibbli għall-użu fl-iskema tal-Unjoni matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2012. Sal-31 ta' Marzu 2015, l-Awtorità għandha tagħmel skambju bħal dak meta hekk tintalab tagħmel.

(2) Sal-limitu li l-livelli ta' użu ta' CER u ERU, li huma permessi lil operatur ta' inġenji tal-ajru għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012 ma jkunux intużaw, jew meta jingħata d-dritt li jintużaw krediti taħt is-subregolament (5), l-operatur ta' inġenji tal-ajru jista' jiskambja CERs u ERUs maħruġa dwar riduzzjonijiet ta' emissjoni mill-2013 'il quddiem minn tipi ta' proġetti li kienu reġistrati qabel l-2013 u li kienu eliġibbli għall-użu fl-iskema tal-Unjoni matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2012, ma' permessi validi mill-2013 'il quddiem.

(3) Sal-limitu li l-livelli ta' użu ta' CER u ERU, li huma permessi lil operatur ta' inġenji tal-ajru għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012, ma jkunux intużaw, jew meta jingħata d-dritt li jintużaw krediti taħt is-subregolament (5), l-operatur ta' inġenji tal-ajru jista' jiskambja CERs maħruġa dwar riduzzjonijiet ta' emissjoni mill-2013 'il quddiem minn tipi ta' proġetti mibdija mill-2013 'il quddiem in Pajjiżi l-Inqas Żviluppati u li kienu eliġibbli għal użu fl-iskema ta-Komunità matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2012, ma' permessi validi mill-2013 'il quddiem. Dan is-subregolament għandu jkun japplika sakemm dawk il-pajjiżi jkunu irratifikaw ftehim rilevanti mal-Unjoni jew sal-2020, liema minnhom jaħbat l-ewwel.

(4) Sal-limitu li l-livelli ta' użu ta' CER u ERU, li huma permessi lil operatur ta' inġenji tal-ajru għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012 ma jkunux intużaw, jew meta jingħata d-dritt li jintużaw krediti taħt is-subregolament (5), l-operatur ta' inġenji tal-ajru jista' juża krediti minn proġetti jew minn attivitajiet li jnaqqsu l-emissjonijiet oħra kif ikun hemm f'kull ftehim li jista' jsir mill-Unjoni ma' pajjiżi terzi, sal-livelli ta' użu li jiġu speċifikati f'kull tali ftehim, biex jikkonforma ruħu mal-obbligi taħt dawn ir-regolamenti.

(5) Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2020 operatur ta' inġenji tal-ajru għandu jkollu dritt juża kwantità addizzjonali ta' CERs u ERUs sa ammont li jikkorrispondi għal perċentwali tal-emissjonijiet verifikati tiegħu matul il-perjodu

mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2020, hekk kif jista' jiġi stabbilit mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE.

(6) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, operaturi ta' inġenji tal-ajru m'għandhomx jużaw CERs jew ERUs li jkunu japplikaw dwarhom restrizzjonijiet fuq l-użu kif hemm fid-deċiżjonijiet rilevanti u fir-regolamenti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE.

Ħruġ ta' CERs jew ERUs minn attivitajiet ta' proġett fis-settur tal-avjazzjoni.

19. Ebda CER jew ERU m'għandu jinħareġ għal riduzzjonijiet jew limitazzjonijiet ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra dwar attivitajiet tal-avjazzjoni li jinkwadraw fl-iskop ta' dawn ir-regolamenti.

Projbizzjoni operattiva.

20. (1) Meta operatur ta' inġenji tal-ajru jonqos milli jikkonforma ruħu mal-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti u meta miżuri ta' infurzar jonqsu milli jiżguraw konformità, l-Awtorità tista', wara li tikkonsulta lill-awtorità regolatorja responsabbli għal avjazzjoni, tgħid lill-Ministru jitlob lill-Kummissjoni tiddeċiedi dwar li tiġi imposta projbizzjoni operattiva fuq dak l-operatur ta' inġenji tal-ajru. Dik it-talba għandha ssirilha hekk kif ikunu jgħidu, meta dan ikun japplika, id-deċiżjonijiet u r-regolamenti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE.

(2) Il-Ministru, qabel ma jitlob lill-Kummissjoni tiddeċiedi dwar li tiġi imposta projbizzjoni operattiva fuq operatur ta' inġenji tal-ajru, għandu jinnotifika lill-operatur ta' inġenji tal-ajru b'avviż li jkun jinkludi:

(a) evidenza li l-operatur ta' inġenji tal-ajru ma jkunx ikkonforma ruħu mal-obbligi tiegħu taħt dawn ir-regolamenti u mad-deċiżjonijiet u r-regolamenti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE; u

(b) informazzjoni dwar l-azzjoni ta' infurzar li tkun ittieħdet fir-rigward tal-operatur ta' inġenji tal-ajru; u

(ċ) abbozz tat-talba li l-Ministru jkun bi ħsiebu jippreżenta lill-Kummissjoni Ewropea taħt is-subregolament (1).

L-operatur ta' inġenji tal-ajru għandu jingħata opportunità jippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu lill-Ministru, fiż-żmien indikat fl-avviż, li m'għandux ikun ta' not iżjed minn 20

VERŻJONI ELETTRONIKA

ġurnata, qabel ma l-Ministru jippreżenta talba għal projbizzjoni operattiva lill-Kummissjoni.

(3) It-talba magħmula mill-Ministru lill-Kummissjoni konformement mas-subregolament (1) għandha tkun tinkludi:

(a) evidenza li l-operatur ta' inġenji tal-ajru ma jkunx ikkonforma ruħu mal-obbligi tiegħu taħt dawn ir-regolamenti u mad-deċiżjonijiet u r-regolamenti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE; u

(b) informazzjoni dwar l-azzjoni ta' infurzar li tkun ittieħdet dwar l-operatur ta' inġenji tal-ajru; u

(ċ) ġustifikazzjoni għall-impożizzjoni ta' projbizzjoni operattiva fil-livell tal-Unjoni; u

(d) rakkomandazzjoni dwar l-iskop tal-projbizzjoni operattiva u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu applikati.

Aċċess għal informazzjoni, żvelar ta' informazzjoni u segretezza professjonali.

21. Deċiżjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-allokazzjoni ta' permessi lil operaturi ta' inġenji tal-ajru u rapporti ta' emissjonijiet ippreżentati kif hemm fir-regolament 10 għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku kif hemm fir-Regolamenti tal-2005 dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent: L.S. 504.65.

Iżda kull aċċess għal data personali għandu jsir kif hemm fl-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data u informazzjoni li tkun koperta bis-segretezza professjonali m'għandha tkun żvelata lil ebda persuna jew awtorità oħra ħlief bis-saħħa tal-liġijiet, regolamenti, dispożizzjonijiet amministrattivi u, jew, dispożizzjonijiet tal-Att dwar Segretezza Professjonali, li jkunu japplikaw: Kap. 440. Kap. 377.

Iżda wkoll mingħajr preġudizzju għal dan ir-regolament u għall-obbligu li jista' jkun impost fuq l-Awtorità li tiżvela xi informazzjoni, l-Awtorità m'għandha tiżvela ebda informazzjoni kunfidenzjali jew partijiet minnha jew ebda informazzjoni oħra provduta f'dak li għandu x'jaqsam mar-rapport li għandu jkun itrrattat bħala wieħed kummerċjalment konfidenzjali:

Iżda wkoll kull informazzjoni li għandha tkun ittrattata bħala kummerċjalment konfidenzjali għandha titgħarraf f'kull waqt lill-Awtorità.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Preżentata ta' applikazzjonijiet, pjanijiet ta' monitoraġġ u rappurtar u rapporti.

22. L-Awtorità tista' teħtieġ li s-sottomissjonijiet ta' applikazzjonijiet, pjanijiet ta' monitoraġġ u rappurtar u rapporti taħt dawn ir-regolamenti jsiru bil-mod u l-manjiera u bil-mezzi speċifikati minnha.

Introjtu li jingabar mill-irkantar ta' permessi.

23. L-intojtu mill-irkantar ta' permessi, wara li jiġu mnaqqsa l-ispejjeż li jkunu ġew verifikati biex tiġi amministrata l-iskema mifthema bejn il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment u l-Awtorità għandu jingħata lill-fondi konsolidati.

Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.

24. It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jkollu ġurisdizzjoni li jisma' u jiddeċiedi appelli minn deċiżjonijiet tal-Awtorità li jkunu saru taħt dawn ir-regolamenti.

Jirrevoka A.L. 445 tal-2010.

25. Ir-Regolamenti tal-2010 dwar Skema Kummerċjali għall-Avjazzjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra, qegħdin b'dawn jiġu revokati.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Skeda 1

Regolamenti 1(2), 3, 4(2), 4(6)(b), 5(1)(a), 5(3)(a), 6(1), 12(1), 12(9) u 16(1).

Kategoriji ta' Attivitajiet li dawn ir-regolamenti japplikaw għalihom

Attivitajiet	Gassijiet serra
Avjazzjoni	
Titjiriet li jitilqu minn jew jaslu f'ajrudrom sitwat fit-territorju ta' xi Stat Membru:	Dijossidu karboniku
Din l-attività ma tinkludix:	
(a) titjiriet li jsiru esklużivament għat-trasport, fuq missjoni uffiċjali, ta' xi Monarka renjanti u l-familja tiegħu fil-qrib ħafna, Kapijiet ta' Stat, Kapijiet tal-Gvern u Ministri tal-Gvern, ta' xi pajjiż li ma jkunx Stat Membru, meta dan ikun sostanzjat minn indikatur ta' status adatt fil-pjan tat-titjira;	
(b) titjiriet militari li jsiru minn inġenji tal-ajru militari u titjiriet li jsiru mid-dwana u mill-pulizija;	
(c) titjiriet li jkollhom x'jaqsmu mat-tiftix u salvataġġ, titjiriet għat-tifi tan-nar, titjiriet umanitarji u titjiriet ta' servizz ta' emerġenza medika awtorizzati mill-awtorità adatta;	
(d) kull titjira li ssir esklużivament taħt regoli ta' titjira viżwali kif imfisser fl-Anness 2 mal-Konvenzjoni ta' Chicago;	
(e) titjiriet li jtemmu fl-ajrudrom minn fejn ikunu telqu l-inġenji tal-ajru u li matulhom ma jkun sar ebda inżul intermedju;	
(f) titjiriet ta' taħriġ li jsiru esklużivament bil-għan li tinkiseb liċenza, jew klassifikazzjoni fil-każ tal-ekwipaġġ ta' titjira li jkun fil-*cockpit* meta dan ikun sostanzjat minn rimarka adatta fil-pjan tat-titjira iżda t-titjira ma tkunx isservi għalt-trasport ta' passiġġieri u/jew tagħbija jew għall-pożizzjonament jew ġarr tal-inġenji tal-ajru minn banda għall-oħra;	
(g) titjiriet li jsiru esklużivament bil-għan ta' riċerka xjentifika jew	

bil-għan ta' verifika, ittestjar jew ċertifikazzjoni ta' inġenji tal-ajru jew tagħmir kemm li jinġarr fl-ajru kemm li jkun ibbażat fuq l-art;

(h) titjiriet li jsiru minn inġenji tal-ajru li jkollhom l-akbar massa ċertifikata ta' tlugħ fit-titjir ta' anqas minn 5 700kg;

(i) titjiriet li jsiru fil-kuntest ta' obbligi tas-servizz pubbliku imposti kif hemm fi Regolament (KEE) Nru. 2408/92 fuq rotot fir-reġjuni li jinsabu l-aktar fuq barra, kif speċifikat fl-Artikolu 299(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, jew fuq rotot fejn il-kapacità offruta ma teċċedix 30 000 post għall-passiġġieri fis-sena;

(j) titjiriet li, kieku ma kienx għal din l-esklużjoni, kienu jinkwadraw fid-definizzjoni ta' attività tal-avjazzjoni kif hawn elenkata, li ssir minn operatur tat-trasport tal-ajru kummerċjali li jkun qiegħed iħaddem jew:

- inqas minn 243 titjira matul kull perjodu għal tliet perjodi konsekuttivi ta' erba' xhur il-wieħed; jew

- titjiriet li jkollhom emissjonijiet annwali totali aktar baxxi minn 10,000 tunnellata fis-sena.

Titjiriet li jsiru esklużivament għat-trasport, fuq missjonijiet uffiċjali, ta' xi Monarka renjanti u l-familja tiegħu fil-qrib ħafna, Kapijiet ta' Stat, Kapijiet tal-Gvern u l-Gvern ta' xi Stat Membru ma jistgħux ikunu esklużi taħt dan il-paragrafu.

Skeda 2

Regolament 2

Gassijiet serra

Dijossidu karboniku (CO_2)

Metan (CH_4)

Ossidu Nitruż (N_2O)

Idroflworokarburi (HFCs)

Perflworokarburi (PFCs)

Sulphur Hexafluoride (SF_6)

Skeda 3

Regolamenti 6(2)(a), 12(3)(a), 13(1)(a) u 14(3).

Prinċipji *għal* Monitoraġġ u Rappurtar ta' Emissjonijiet u *Data* ta' kull Tunnellata-Kilometru minn Attivitajiet tal-Avjazzjoni

Monitoraġġ ta' emissjonijiet ta' dijossidu karboniku minn attivitajiet tal-avjazzjoni

Il-monitoraġġ ta' emissjonijiet għandu jsir permezz ta' kalkoli. L-emissjonijiet għandhom jiġi kalkolati billi tintuża l-formola:

Konsum ta' karburanti × fattur ta' emissjoni

Il-konsum ta' karburanti għandu jinkludi l-karburanti ikkunsmat mill-ġeneratur awżiljarju. Il-konsum attwali ta' karburanti għal kull titjira għandu jintuża kull meta dan ikun possibbli u għandu jiġi kalkolat billi tintuża l-formola:

Ammont ta' karburanti li jinsab fit-tankijiet tal-inġenji tal-ajru ġaladarba jkun sar il-mili kollu tal-karburanti għat-titjira – ammont ta' karburanti li jinsab fit-tankijiet tal-inġenji tal-ajru wara jkun sar il-mili kollu tal-karburanti għat-titjira sussegwenti flimkien mal-mili kollu tal-karburanti għal dik it-titjira sussegwenti.

Jekk id-*data* tal-konsum attwali ta' karburanti ma jkunux disponibbli, għandu jintuża metodu standardizzat imqassam f'livelli għall-istima tad-*data* tal-konsum ta' karburanti bbażati fuq l-aħjar informazzjoni disponibbli.

Għandhom jintużaw il-fatturi ta' bażi għall- emissjonijiet IPCC, li jittieħdu mill-Linji Gwida tal-Inventarju tal-IPCC 2006 jew minn aġġornamenti sussegwenti ta' dawn il-Linji Gwida, sakemm ma jkunux aktar preċiżi l-fatturi għal emissjonijiet speċifikament marbutin mal-attività li jkunu ġew identifikati minn laboratorji akkreditati indipendenti permezz ta' metodi ta' analiżi aċċettati. Il-fattur tal-emissjoni għall-bijomass għandu jkun zero.

Għandu jsir kalkolu separat għal kull titjira u għal kull karburanti.

Rappurtar ta' emissjonijiet

Kull operatur ta' inġenji tal-ajru għandu jinkludi din l-informazzjoni li ġejja fir-rapport tiegħu taħt is-subregolament (2) tar-regolament 13 ta' dawn ir-regolamenti:

VERŻJONI ELETTRONIKA

A. *Data* li tkun tidentifika lill-operatur ta' inġenji tal-ajru, inkluż:

(i) l-isem tal-operatur tal-inġenji tal-ajru,

(ii) l-iStat Membru li jamministrah,

(iii) l-indirizz tiegħu, inkluż il-kodiċi postali u l-pajjiż u, meta dan ikun differenti, l-indirizz ta' kuntatt tiegħu fl-iStat Membru li jamministrah,

(iv) in-numri ta' reġistrazzjoni tal-inġenji tal-ajru u t-tipi ta' inġenji tal-ajru użati minnu fil-perjodu kopert mir-rapport għat-twetiq tal-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn r-regolamenti,

(v) in-numru u awtorità tal-ħruġ taċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru u l-liċenza biex topera li permezz tagħha jkunu twettqu l-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti,

(vi) l-indirizz, numri tat-telefon u *fax* u indirizz *e-mail* ta' min għandu jiġi kuntattjat, u

(vii) isem sid l-inġenji tal-ajru.

B. Għal kull tip ta' karburanti li jiġi kalkulati l-emissjonijiet dwaru:

(i) konsum ta' karburanti,

(ii) il-fattur ta' emissjonijiet,

(iii) l-emissjonijiet aggregati totali mit-titjiriet kollha li jkunu twettqu matul il-perjodu kopert bir-rapport li jinkwadraw fl-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn r-regolamenti, li dwarhom l-operatur involut jitqies bħala l-operatur ta' inġenji tal-ajru,

(iv) l-emissjonijiet aggregati:

— mit-titjiriet kollha mwettqa matul il-perjodu kopert mir-rapport li jinkwadraw fl-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn r-regolamenti, li dwarhom l-operatur involut jitqies bħala l-operatur ta' inġenji tal-ajru u li jkunu telqu minn ajrudrom li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru u waslu f'ajrudrom li jinsab fit -territorju tal-istess Stat Membru,

— mit-titjiriet l-oħra kollha mwettqa matul il-perjodu kopert mir-rapport li jinkwadraw fl-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn r-regolamenti, li dwarhom l-operatur involut jitqies bħala l-operatur ta' inġenji tal-ajru

(v) l-emissjonijiet aggregati mit-titjiriet kollha mwettqa matul il-perjodu kopert mir-rapport li jinkwadraw fl-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fi Skeda 1 li tinsab ma'

dawn r-regolamenti, li dwarhom l-operatur involut jitqies bħala l-operatur ta' inġenji tal-ajru u li:

— jkunu telqu minn xi Stat Membru, u

— waslu f'xi Stat Membru minn pajjiż terz,

(vi) inċertezza.

Monitoraġġ ta' *data* ta' tunnellata-kilometri

Bil-għan li ssir applikazzjoni għal allokazzjoni ta' permessi kif hemm fir-regolament 4 jew fir-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti, l-ammont ta' attività tal-avjazzjoni għandu jkun kalkolat f'tunnellati-kilometri billi tintuża din il-formola li ġejja:

tunnellati-kilometri = distanza × tagħbija li tinġarr bi ħlas

fejn:

'distanza' tfisser id-distanza fiċ-ċirku kbir bejn l-ajrudrom tat-tluq u l-ajrudrom tal-wasla b'żjieda ma' fattur addizzjonali fiss ta' 95 km; u

'tagħbija li tinġarr bi ħlas' tfisser il-massa totali tal-merkanzija, posta u passiġġieri li jinġarru.

Għall-finijiet ta' kalkolu tat-tagħbija li tinġarr bi ħlas:

(a) in-numru ta' passiġġieri għandu jkun in-numru ta' persuni abbord minbarra l-membri tal-ekwipaġġ;

(b) operatur ta' inġenji tal-ajru jista' jagħżel li japplika sew il-massa attwali sew dik *standard* għal passiġġieri u valiġġa reġistrata li jkunu jinsabu fil-massa tiegħu u d-dokumentazzjoni ta' bilanċ għat-titjiriet rilevanti jew valur bażiku ta' 100 kg għal kull passiġġier u l-valiġġa reġistrata li jkollu.

Rappurtar ta' *data* ta' kull tunnellata-kilometru

Kull operatur ta' inġenji tal-ajru għandu jinkludi din l-informazzjoni li ġejja fl-applikazzjoni li jagħmel taħt ir-regolament 4 jew ir-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti:

A. *Data* li tkun tidentifika lill-operatur ta' inġenji tal-ajru, inkluż:

(i) l-isem tal-operatur ta' inġenji tal-ajru;

(ii) l-iStat Membru li jamministrah;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(iii) l-indirizz tiegħu, inkluż il-kodiċi postali u l-pajjiż u, meta dan ikun different, l-indirizz fejn ikun jista' jiġi kuntattjat fl-iStat Membru li jamministrah;

(iv) in-numri ta' reġistrazzjoni tal-inġenji tal-ajru u t-tipi ta' inġenji tal-ajru li jintużaw matul is-sena u koperti mill-applikazzjoni li jwettqu l-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn r-regolamenti;

(v) in-numru u l-awtorità tal-ħruġ taċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru u l-liċenza biex topera li taħthom ikunu twettqu l-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

(vi) indirizz, numri tat-telefon u *fax* u indirizz *e-mail* ta' min għandu jiġi kuntattjat, u

(vii) l-isem ta' sid l-inġenji tal-ajru.

B. *Data* ta' tunnellata-kilometri:

(i) numru ta' titjiriet għal kull ajrudrom;

(ii) numru ta' passiġġieri-kilometri għal kull ajrudrom;

(iii) numru ta' tunnellati-kilometri għal kull ajrudrom;

(iv) metodu li jintgħażel għal kalkolu ta' massa għal passiġġieri u valiġġa reġistrata;

(v) numru totali ta' tunnellati-kilometri għat-titjiriet kollha mwettqa matul is-sena li r-rapport jkun sar dwarha li jinkwadraw fl-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn r-regolamenti.

Skeda 4

Regolamenti 7(1)(a), 13(3)(a) u 14(3).

Kriterji għal Verifika

Prinċipji Ġenerali

1. Emissjonijiet minn titjiriet li jinkwadraw fl-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għandhom ikunu soġġetti għall-verifika.

2. Il-proċess ta' verifika għandu jkun jinkludi konsiderazzjoni tar-rapport konformement mas-subregolament (2) tar-regolament 13 ta' dawn ir-regolamenti u ta' monitoraġġ matul is-sena preċedenti . Dan għandu jkun jittratta dwar l-affidabilità, il-kredibilità u l-eżattezza ta' sistemi ta' monitoraġġ u d-*data* u l-informazzjoni rappurtati dwar l-emissjonijiet, partikolarment:

(a) *data* dwar l-attività rappurtata u kull kejl u kalkolu relattiv;

(b) l-għażla u l-użu ta' fatturi ta' emissjonijiet;

(c) il-kalkoli li jwasslu biex jiġu stabbiliti l-emissjonijiet ġenerali; u

(d) jekk jintuża il-kejl, kemm ikunu adatti l-għażla u l-użu tal-metodi ta' kejl.

3. L-emissjonijiet rappurtati jistgħu jiġu biss validati jekk id-*data* u informazzjoni affidabbli u kredibbli jkunu jippermettu li l-emissjonijiet jiġu stabbiliti b'livell għoli ta' ċertezza. Livell għoli ta' ċertezza jkun jeħtieġ lill-operatur ta' inġenji tal-ajru juri li:

(a) id-*data* rappurtata ma jkollhiex inkonsistenzi;

(b) id-*data* tkun inġabret kif iridu *standards* xjentifiċi li jkunu japplikaw; u

(c) ir-reġistri rilevanti tal-inġenji tal-ajru li jintużaw fit-twettiq tal-attivitajiet tal-avjazzjoni koperti mir-rapport ikunu sħaħ u konsistenti.

4. Il-verifikatur għandu jingħata aċċess għal kull sit u informazzjoni li jkunu jittrattaw dwar il-verifika.

5. Il-verifikatur għandu jikkunsidra jekk l-operatur ta' inġenji tal-ajru ikunx reġistrat taħt l-iskema tal-Komunità Ewropea dwar eko-ġestjoni u verifika (EMAS).

Metodoloġija

Analisi strateġika

6. Il-verifika għandha tkun ibbażata fuq analisi strateġika tal-attivitajiet tal-avjazzjoni kollha koperti mir-rapport li jkun sar mill-operatur ta' inġenji tal-ajru. Dan ikun jeħtieġ li l-verifikatur ikollu tagħrif ġenerali tal-attivitajiet kollha u tas-sinifikat tagħhom għall-emissjonijiet.

Analisi tal-proċess

7. Il-verifika tal-informazzjoni ippreżentat għandha, meta jkun adatt, issir fuq is-siti li jintużaw mill-operatur ta' inġenji tal-ajru biex jitwettqu l-attivitajiet tal-avjazzjoni koperti mir-rapport. Il-verifikatur għandu juża l-verifiki fuq il-post biex jistabbilixxi l-affidabilità tad-*data* u informazzjoni rappurtati

Analisi tar-riskju

8. Il-verifikatur għandu jippreżenta l-inġenji tal-ajru kollha li l-operatur ta' inġenji tal-ajru jkun responsabbli għalihom għal valutazzjoni dwar l-affidabilità tad-*data* ġejja minn kull sors u li tkun tikkontribwixxi għall-emissjonijiet ġenerali tal-operatur ta' inġenji tal-ajru.

9. Abbażi ta' din l-analisi l-verifikatur għandu espliċitament jidentifika lil dawk is-sorsi li jkollhom riskju għoli ta' żball u aspetti oħra tal-proċedura ta' monitoraġġ u rappurtar li x'aktarx jikkontribwixxu għal żbalji meta jiġu stabbiliti l-emissjonijiet ġenerali. Dan jinvolvi b'mod speċjali l-għażla tal-fatturi ta' emissjonijiet u l-kalkoli meħtieġa biex jiġi stabbilit il-livell tal-emissjonijiet minn sorsi individwali. Għandha tingħata attenzzjoni partikolari li dawk is-sorsi li jkollhom riskju għoli ta' żball u lill-aspetti tal-proċedura ta' monitoraġġ hawn qabel imsemmija.

10. Il-verifikatur għandu jikkunsidra kull metodu ta' kontroll ta' riskju effettiv li jiġi applikat mill-operatur ta' inġenji tal-ajru bil-għan li jitnaqqas sew il-livell ta' inċertezza.

Rapport

11. Il-verifikatur g]andu jipprepara rapport fuq il- proċess ta' validazzjoni fejn jiddikjara jekk ir-rapport li jkun sar konformement mas-subregolament (2) tar-regolament 13 ta' dawn ir-

regolamenti jkunx wieħed sodisfaċenti. Dan ir-rapport għandu jispeċifika kull kwistjoni li tkun rilevanti għax-xogħol li jkun sar. Dikjarazzjoni li dak ir-rapport ikun sar konformement mas-subregolament (2) tar-regolament 13 ta' dawn ir-regolamenti jkun wieħed sodisfaċenti tista' ssir jekk, fil-fehma tal-verifikatur, l-emissjonijiet totali ma jkunux materjalment dikjarati ħażin.

Ħtiġiet ta' kompetenza minima għall-verifikatur

12. Il-verifikatur għandu jkun indipendenti mill-operatur ta' inġenji tal-ajru, iwettaq l-attivitajiet tiegħu b'mod professjonali li jkun razzjonali u oġġettiv, u jifhem:

(a) id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, kif ukoll ta' *standards* rilevanti u l-gwida adottata mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE u kull ħtieġa li ssir mill-Awtorità;

(b) il-ħtiġiet leġislattivi, regolatorji, u amministrattivi rilevanti għall-attivitajiet li jkunu qegħdin jiġu verifikati; u

(c) il-ġenerazzjoni tal-informazzjoni kollha li jkollha x'taqsam ma' kull inġenji tal-ajru li l-operatur ta' inġenji tal-ajru jkun responsabbli għalihom, partikolarment, dawk li jkollhom x'jaqsmu mal-ġbir, kejl, kalkolu u rappurtar ta' *data*.

Dispożizzjonijiet addizzjonali għall-verifika ta' rapporti dwar dwar l-emissjonijiet fl-avjazzjoni

13. Il-verifikatur għandu partikolarment jaċċerta li:

(a) ikun ittieħed kont tat-titjiriet kollha li jinkwadraw f'xi attività tal-avjazzjoni elenkata fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti. F'din il-ħidma l-verifikatur għandu jkun assistit permezz ta' *timetable data* u ta' *data* oħra fuq it-traffiku tal-operatur ta' l-inġenji tal-ajru inklużi data mill-Eurocontrol li tkun intalbet minn dak l-operatur ta' inġenji tal-ajru;

(b) ikun hemm konsistenza ġenerali bejn id-*data* dwar il-konsum aggregat ta' karburanti u *data* dwar il-karburanti li jkun inxtara jew ġie xort'oħra fornut lill-inġenji tal-ajru li jkun qed iwettaq l-attività tal-avjazzjoni.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Dispożizzjonijiet addizzjonali għall-verifika ta' *data* ta' kull tunnellata-kilometru li tiġi ippreżentata għall-għanijiet tar-regolamenti 4 u 5 ta' dawn ir-regolamenti

14. Il-prinċipji ġenerali u l-metodoloġija li bihom jiġu verifikati r-rapporti dwar l-emissjonijiet kif stabbiliti f'din l-iSkeda għandhom, fejn ikun japplika, ikunu japplikaw ukoll b'mod li jikkorrispondi għall-verifika ta' *data* dwar l-avjazzjoni għal kull tunnellata-kilometru ippreżentati taħt is-subregolament (2) tar-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti u s-subregolament (2) tar-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti.

15. Il-verifikatur għandu partikolarment jiżgura li jkun ittieħed biss kont ta' dawk it-titjiriet li jkunu qegħdin attwalment isiru u li jinkwadraw taħt xi attività tal-avjazzjoni elenkata fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti u li l-operatur ta' inġenji tal-ajru jkun responsabbli għalihom, fl-applikazzjoni ta' dak l-operatur taħt ir-regolament 4 u r-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti. F'din il-ħidma il-verifikatur għandu jkun assistit permezz ta' *data* fuq it-traffiku tal-operatur ta' inġenji tal-ajru inklużi *data* mill-Eurocontrol li tkun intalbet minn dak l-operatur. Minbarra dan, il-verifikatur għandu jiżgura li t-tagħbija li tinġarr bi ħlas u li tiġi rappurtata mill-operatur ta' inġenji tal-ajru tkun tikkorrispondi mar-reġistri dwar it-tagħbija li tinġarr bi ħlas li jinżammu minn dak l-operatur għal finijiet ta' sigurtà.